**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 746/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Clayton Galea**

Illum, 27 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat Clayton Galea, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0246683M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-22 ta' Novembru 2021 għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30hrs) u il-ħdax neqsin għoxrin ta' filgħaxija (22:40hrs) ġewwa Triq Santa Katerina, Zejtun:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Clayton Cachia hekk kif iċċertifika Dr Jacob Cassar Med Reg 6319 billi tajjru bil-vettura b'numru ta' reġistrazzjoni KLL100 tal-għamla BMW X6;
2. Ukoll talli fl-istess lok, data, ħin, u ċirkostanzi saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KLL100 tal-għamla BMW X6 ta' lewn abjad b'manjiera perikoluża u/jew traskurata;
3. Ukoll talli naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kundizjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u ċioe mill-Maġistrat Dr D. Frendo Dimech LL.D mid-digriet datat u li permezz tiegħu

> huwa ngħata il-ħelsien mill l-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkometiex reat ieħor u li jiffirma ġewwa l-għassa ta' Raħal Ġdid kull nhar ta' Sibt, li jirrinkaża ruħu bejn il-ħdax ta' filgħaxija u is-sitta ta' filgħodu u kif ukoll li jirrisjedi ġewwa l-fond 186 St Micheal Flat 3 Triq il-Koppla, Fgura.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' April 2024, fejn il-Qorti filwaqt li ma sabitx ħtija għall-ewwel imputazzjoni u lanqas għat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, sabet lil Clayton Galea ħati tat-tielet imputazzjoni u kkundannatu jħallas multa ta' tmien mitt Euro (€800). Ordnat ukoll illi parti mid-depożitu stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija fid-digriet tal-15 ta' Ottubru 2020, fis-somma ta' elf Euro (€1,000), jiġi kkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta u ordnat wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti biex jieħu konjizzjoni tal-ordni għall-konfiska.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fit-8 ta' Mejju 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex (a) tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti ma sabitx ħtija fl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u lliberatu minnhom kif ukoll (b) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fit-tielet imputazzjoni u kkundannat lill-appellat iħallas multa ta' €800.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-aggravju uniku ventilat mill-Avukat Ġenerali huwa jilmenta illi l-Ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq apprezzament żbaljat tal-provi, u dan għaliex kienet issib il-ħtija li kieku straħet fuq it-testimonjanza tax-xhud Katya Zahra.

Illi, stante li dan l-aggravju huwa strettament marbut mal-apprezzament tal-provi, din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-

konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi, minn eżami tal-atti jirriżulta li nhar it-22 ta' Novembru 2021, il-parti offiża Clayton Cachia flimkien ma' ċertu Katya Zahra irrappurtaw lill-Pulizija li Cachia kien safa' mtajjar mill-appellat. Illi, l-imsemmija Katya Zahra, li hija it-tfajla ta' Cachia u l-*ex partner* tal-appellat, xehdet li dakinhar tal-inċident fil-ħin li Cachia ħareġ jixtri il-ħobz għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħaxija, semgħet "**tyres iwerzqu ta' xi karozza**" u ħarġet tittawwal mill-gallarija, li qegħdha fit-tieni sular tar-residenza tagħha, u innutat li Cachia kien mixħut fl-art, filwaqt li vettura tal-għamla BMW X6, lewn abjad, kienet qed tinstaq minn fuq il-post. Xehdet ukoll li n-numru ta' reġistrazzjoni ta' dina l-vettura kien KLL-100 u li dak il-ħin it-triq kienet vojta. Tkompli tgħid li hekk kif għenet lil Cachia jidħol ġewwa r-residenza tagħha, huwa qalilha l-kliem "**...tajjarni, tajjarni li kellek, qalli diġa' għadda darb'oħra kien hemm karozzi warajh, reġa' dawwar gas down u reġa' ġie fit-triq tiegħi bla karozzi warajh**". Tispjega ukoll li dakinhar filgħodu hija kellha battibekk mal-appellat fuq il-ħinijiet tal-aċċess ta' binhom kif ukoll li xi erbat ijiem qabel, l-appellat kellu ukoll battibekk verbali mal-parti offiża waqt konversazzjoni telefonika. Tgħid li għalkemm rat il-vettura, ma ratx min kien qiegħed isuqha u li kien id-dlam. Sussegwentement, in kontro-ezami, Katya Zahra xehdet li hija rat il-vettura li tajret lil Cachia mill-bogħod imma mill-għamla tal-

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

vettura u l-kulur ta' l-istess kienet ikkonkludiet li dina kienet propju l-vettura tal-appellat.

Illi, l-parti offiża Clayton Cachia xehed li dakinhar tal-inċident in kwistjoni, huwa kien miexi lejn id-dar tal-għarusa tiegħu Katya Zahra meta osserva "**BMW X6 abjad b'dak ir-raġel ġo fih**". Jikkonferma li s-sewwieq kien propju l-appellat. Ix-xhud kompla jixhed li pero' l-appellat "**baqa' niezel riħ, dar mal-blokka, kont għadni lanqas ilħaqt wasalt sal-bieb jiena lħaqt sibtu ma' wiċċi ... gas down, bdejt nisma' t-twerzieq tat-tyres**" u baqa' dieħel fih. Jgħid li l-appellat m'għamilx hekk bi zball, iżda kienet manuvra intenzjonata:–

> "**...jien kont miexi fuq il-bankina, hu niezel gas down, l-ewwel darba li għadda kien hemm il-karozzi warajh jiġifieri kellu xi ħaġa pjanata ġo moħħu mhux sa jagħmilha quddiem in-nies, it-tieni darba li għadda jiena u hu biss konna fit-triq**".

Ikompli jgħid li t-tieni darba, l-appellat kien qed isuq aktar bis-saħħa u wara li laqtu, baqa' sejjer. *Inoltre*, jgħid li kellu battibekk mal-appellat xi jiem qabel fejn dan ta' l-aħħar, fost affarijiet oħrajn, qallu "**Għidli fejn qiegħed ħa niġi għalik, ħa niġi nifqak u ħafna paroli minn dan**". Jerġa' jikkonferma li dakinhar tal-inċident huwa kien għaraf kemm lill-appellat kif ukoll il-vettura li kien qed isuq. Sussegwentement, in kontro-ezami, jerġa' jikkonferma li l-appellat kien is-sewwieq tal-vettura li tajritu u dan għaliex din ma kenitx l-ewwel okkażjoni li kien ra lil din il-vettura. Għalkemm ġie ssuġeriet lilu li l-appellat kien fl-lokalita' oħra dak il-ħin, Cachia baqa' jisħaq li huwa kien għaraf lill-appellat "**mija fil-mija**" u jgħid li "**rajtu qed isuq, qed isuq mal-isteering, kien hemm karozza warajh, ma setax jagħmel li għamel, sakemm jiena komplejt miexi, laħaq dar il-blokka u erġajt sibtu ma' wiċċi u erġajt rajtu t-tieni darba, dan il-wiċċ. Nikkonferma hundred per cent (100%) li kien huwa**".

Illi, mill-*istills* tal-filmati tas-CCTV ippreżentati in atti, għalkemm Cachia jidher qed jittajjar minn karozza ta' lewn abjad, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-istess ma jistax jiġi ddentifikat.

Illi, miċ-ċertifikat mediku maħruġ mit-Tabib Jacob Cassar li kien eżamina lill-vittma jirriżulta li l-ġrieħi subiti mill-istess kienu ta' natura gravi. *In oltre*, Dr Mario Scerri,

nominat bħala espert mediko-legali, kien ukoll eżamina lill-parti offiża medikament u wasal għas-segwenti konkluzzjonijiet:-

1. **Illi rriżulta min-noti kliniċi illi Clayton Cachia ddaħħal l-isptar Mater Dei nhar it-23 ta' Novembru 2021 wara li allegatament safa' mtajjar minn vettura;**
2. **Illi dan ġarrab haematoma fuq l-aspett oċċipitali tal-lemin u CT scan wera li ma kienx hemm evidenza ta' fratturi tal-kranju jew tal-għadam tal-wiċċ jew xi lezjonijiet trawmatiċi assoċjati fil-moħħ;**
3. **Illi Cachia ma kienx amnexiac għall-inċident u ma ntilifx minn sensih, ma rremetix u ma kienx imdardar;**
4. **Illi rrizulta illi rizultat ta' blunt trauma dan ġarrab undisplaced fracture tan-neck tal-femur tax-xellug;**
5. **Illi, din il-frattura ma ġietx ikkastjata, ġie mogħti par krozzi u ngħata parir rigward weight bearing;**
6. **Illi rrizulta li nhar id-29 ta' Novembru 2021 dan reġa pprezenta l-isptar għar-raġuni li baqa' jilmenta minn uġiegħ qawwi fl-estrimitajiet inferjuri assoċjati ma' nefħa speċjalment fil-pexxul tax-xellug. Dan ġie ammess fis-sala tal-medicina u liċenzjat nhar it-30 ta' Novembru 2021 fejn instab li dan zviluppa DVT (deep vein thrombosis) fl-estremita nferjuri tax-xellug u superficial vein thrombosis fl-estremita' inferjuri tal-lemin. Dan ġie mogħti l-xeralto u għadu fuqhom sal-ġurnata tal-lum;**
7. **Illi n-nefħa fuq l-aspett laterali tar-riġel tax-xellug hija kompattibbli ma' tissue injury rizultat tal-primary impact tal-vettura ma' Cachia. Din in-nefħa tidher li hi rizultat ta' unresolved post traumatic haematoma;**
8. **Illi n-nefħa fuq l-aspett anterolateral tal-qasba tas-sieq ix-xellugija hija aktar isfel mill-livell tal-frattura tan-neck tal-fibula u tista' tkun kompatibbli ma' unresolved haematoma jew traumatic fat necrosis izda ċertament m'hix relatata ma' deep vein thrombosis;**
9. **Illi meta Cachia ġie liċenzjat mill-isptar Mater Dei ngħata appuntament l-MOP fi zmien 6 xhur mit-30 ta' Novembru u mir-records jidher li dan ma ġiex segwit mit-tobba;**
10. **Illi jidher li dawn il-lezjonijiet deskritti huma rizultat ta' trawma subita minn Cachia;**
11. **Illi l-esponent huwa konxju li Cachia jabbuza mill-eroina u jinjettaha. Din setgħet ikkontribwiet ukoll għall-formazzjoni ta' trombozi izda mhux għall-haematoma deskritti.**

Illi, Dr Mario Scerri kien reġa' eżamina lil Cachia nhar it-13 ta' Settembru 2022 fejn ikkonkluda li l-ġrieħi subiti mill-vittma kienu ta' natura gravi izda mhux permanenti:-

> **Illi rizultat ta' blunt trauma dan ġarrab undisplaced fracture tan-neck tal-fibula tax-xellug. Din normalment tieħu sitt ġimgħat biex tfiq u hija kklassifikata bħala lezjoni ta' natura gravi per durata;**

**Illi n-nefħa fuq l-aspett laterali tar-riġel tax-xellug kienet kompattibbli ma' tissue injury rizultat tal-primary impact tal-vettura. Din in-nefħa tidher li ġiet resolved kompletament wara perijodu ta' ftit xhur;**

**Illi n-nefħa fuq l-aspett anterolateral tal-qasba tas-sieq ix-xellugija kienet kompattibli ma' unresolved post traumatic haematoma. Din tidher li ukoll ġiet resolved wara ftit tax-xhur;**

**Illi dawn il-haematomoe ikkaġunaw uġiegħ qawwi lil Cachia għal diversi xhur u kien hemm difett ovvju fid-dehra tar-riġel tal-qasba tas-sieq ix-xellugija u anke limitazzjoni tal-movimenti;**

**Illi għalkemm dawn il-haematomae ġew resolved wara aktar minn 6 xhur mid-data tal-inċident in kwistjoni dawn ma ħallewx difetti permanenti fl-għamla jew fil-funzjoni ta' partijiet tal-ġisem.**

**Illi Cachia jista' għalhekk imur għax-xogħol regolari mingħajr limitazzjonijiet.**

Illi, minn naħa l-oħra, l-appellat jagħti verzjoni tal-fatti differenti mill-parti offiża. Huwa jixhed li dakinhar tal-inċident kien qiegħed fil-kumpanija tal-ħabib tiegħu Mark Pace jiffinalizaw kuntratt ta' lokazzjoni ġewwa l-lokalita' tan-Naxxar fl-uffiċċju tal-avukat Arthur Azzopardi u li damu hemm sa' wara l-għaxra ta' bil-lejl. Jgħid li wara li lestew dan l-appuntament li kellhom irħewlha bil-vettura tiegħu tal-għamla BMW lejn il-Ħamrun fejn ħadu *drink* u damu hemm sas-siegħa/s-sagħtejn tal-għada filgħodu. Dan kollu ġie kkorraborat mix-xhud Mark Pace li kkonferma li dakinhar tal-inċident, huwa u l-appellat kienu qed jiffirmaw kuntratt ġewwa n-Naxxar fl-uffiċċju tal-avukat Arthur Azzopardi u li damu hemm sa' xi l-għaxra u nofs ta' filgħaxija. Jixhed ukoll li wara kienu marru jieħdu *drink* il-Hamrun u kienu damu hemm sa' xis-siegħa ta' filgħodu. Pace ppreżenta ukoll kuntratt ta' lokazzjoni datat 22 ta' Novembru 2021 li ġie ffirmat bejnu u bejn l-appellat Clayton Galea.

**Ikkunsidrat:**

Illi, għalhekk din l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha hija rinfaċċjata b'zewġ verzjonijiet tal-fatti dijametrikament opposti ta' xulxin. L-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jistipola li -

**... id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u**

**ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.**

Illi, ukoll, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha, kemm favur u kemm kontra, u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xhieda ssir biżżejjed sabiex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

Illi, huwa minnu li dana l-każ jistrieħ prinċipalment fuq l-identifikazzjoni tal-appellat mill-parti offiża Cachia. L-Ewwel Qorti kkontendiet li tali identifikazzjoni kienet waħda dubjuza meta iddeċidiet hekk:–

**F'dan il-kwadru ta' fatti l-Qorti ma tistax raġjonevolment teskludi illi l-konvinċiment ta' Katya Zahra li l-vettura li rat fit-tarf tat-triq kienet il-vettura tal-imputat, seta' niġġes mhux ftit l-identifikazzjoni li għamel Clayton Cachia tal-imputat bħala x-xufier tal-vettura li tajritu u baqgħet sejra. Kif rajna, Clayton Cachia xehed illi huwa għaraf lill-imputat, kif ukoll il-karozza li kellha l-pjanċa bin-numru KLL-100, mingħajr ma kien jaf lill-imputat u mingħajr qatt iltaqa' miegħu wiċċ'imb wiċċ u wkoll mingħajr prova li kien jaf minn qabel x'vettura kien isuq, u dan meta din il-vettura kienet għaddejja sparata fi triq mudlama bid-dawl jiddi f'wiċċu. Imkien fid-depożizzjoni tiegħu ma qal li din il-vettura naqset il-veloċita' meta għaddiet biswit tiegħu, u qatt ma speċifika jekk lill-imputat kienx rah mit-tieqa tax-xufier jew mill-windscreen tal-vettura. Naqas ukoll milli jfisser x'laqtu mid-dehra tax-xufier jew liema fattizzi ta' wiċċu għaraf biex seta' jidentifikah bħala l-imputat Clayton Galea li qatt ma kien iltaqa' miegħu qabel f'ħajtu.**

Illi l-Ewwel Qorti għamlet eżami approfondit tal-provi kkumpilati u anke eżaminat bir-reqqa l-identifikazzjoni magħmula mill-parti offiża u minn Zahra f'dak il-ħin ta' bil-lejl, meta kien id-dlam u meta l-vettura għaddiet b'veloċita eċċessiva minn hdejn Cachia bid-dawl jixgħel f'wiċċu. Fuq kollox għalkemm kemm Cachia kif ukoll Zahra donnhom xehdu li din il-vettura kellha in-numru ta' reġistrazzjoni KLL-100 (għalkemm in kontro-eżami Zahra tgħid li l-vettura kienet 'il bogħod u osservat biss l-għamla u l-kulur tagħha) u li din il-vettura kienet tappartjeni lill-appellat,

madanakollu mbagħad, kif tajjeb tirrimarka l-Ewwel Qorti, il-Prosekuzzjoni tonqos milli tressaq prova illi l-appellat hu sid ta' din il-vettura. Ebda xhud minn Transport Malta ma jitressaq biex jikkonferma dan il-fatt. Fuq kollox hemm konfliġġenza fil-provi, bl-Ewwel Qorti, li kellha x-xorti tisma' u tara lix-xhieda jixhdu quddiemha, kienet tal-fehma illi din il-konfliġġenza kienet nisslet dubbju raġjonevoli li abbażi tal-istess ma setatx issib ħtija.

Illi l-Qorti ma tista' issib ebda mottiv li jista' iwassalha tiskossa din id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti la fuq bażi fattwali u lanqas legali, iktar u iktar meta l-Avukat Ġenerali ma jressaq ebda argument fir-rikors tiegħu li jindika li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fid-deċiżjoni tagħha għajr għall-fatt illi kien hemm il-korroborazzjoni tax-xhud Katya Zahra għal verżjoni tal-vittma, meta minn naħa l-oħra ukoll kien hemm il-korroborazzjoni tal-verżjoni tal-appellat mix-xhud Mark Pace. Fuq kollox ix-xhud Katya Zahra qatt ma ikkonfermatx fix-xiehda tagħha illi hija rat min kien is-sewwieq tal-vettura li osservat mill-gallarija tar-residenza tagħha, kif lanqas rat it-tarka ta' reġistrazzjoni tagħha għaliex din kienet wisq 'il bogħod minnha u ma setatx tidentifikaha. Finalment l-argument ta'l-Avukat Ġenerali illi l-appellat seta' kellu xi mottiv sabiex jagħmel ħsara lill-parti offiża ma tikkostitwixxi ebda prova fil-kamp penali li jista' iwassal għar-reita'. Illi għalhekk ċertament kif sewwa iddeċidet l-Ewwel Qorti dawn id-dubbji jimmilitaw favur l-appellat.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta'l-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**